**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 t' Ottubru[1] 2023**

**Rikors Numru: 181/2014 MLF**

**Kevin Camilleri**

**vs**

**Fogg Insurance Agencies Ltd li qieghed tidher ghan-nom ta' Argus Insurance Company (Europe) Ltd u b'digriet tas-27 ta' April 2015 il-kliem "Fogg Insurance Agencies Ltd" gew kancellati u sostitwiti bil-kliem "Argus Insurance Agencies Ltd"**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' hamest elef mija u tnejn u disghin Euro (€5,192), li jirraprezentaw hsarat fis-satellite system, intercom system, DVR CCT [sic] cameras, storm system, ice cream maker, insects killer, u extendable canvas canopy, liema hsarat irrizultaw wara maltempata li sehh f'Settembru 2012 u l-esponenti kien inxurjat

[1] B'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Novembru 2023 id-data tas-sentenza giet ikkoreguta fis-sens li n-numri u l-kliem "15 ta' Gunju 2023" jigu sostitwiti bin-numri u kliem "11 t' Ottubru 2023"

mis-socjeta' intimata ghal din l-eventwali bi polza ta' assikurazzjoni u s-socjeta' intimata qieghda tirrifjuta thallas dak li hu dovut.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

i. Fl-ewwel lok is-socjeta' eccipjenti tirrileva illi b'effett mis-6 ta' Gunju 2014, isimha nbidel minn Fogg Insurance Agencies Limited ghal Argus Insurance Agencies Limited ghalkemm l-istess socjeta eccipjenti baqghet dejjem tagixxi bhala agenti tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited, u ghalhekk hemm lok illi ssir il-korrezzjoni opportuna;

ii. Illi fis-sena 2012, is-socjeta eccipjenti harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip Home Protector (Buildings and Contents) fuq il-proprjeta Blue Mist, Triq it-Torri, Mosta [aktar 'il quddiem imsejjha "il-Proprjeta Assigurata"], proprjeta ta' l-attur;

iii. Illi l-attur ressaq claim mas-socjeta eccipjenti dwar hsarat f'effetti mobbli illi jinsabu fil-proprjeta assigurata, liema hsarat allegatament gew ikkawzati waqt maltempata f'Settembru 2012;

iv. Illi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, il-hsarat rapportati, mill-attur, jew talanqas parti kbira minnhom, ma gewx ikkawzati minn maltempata, u effettivament tali hsarat mhumiex koperti mill-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' eccipjenti. B'hekk l-istess eccipjenti ma tistax tigi obbligata, kemm skond il-Ligi kif ukoll skond il-polza ta' assigurazzjoni relattiva, illi tindennizza lill-attur in konnessjoni mal-istess hsarat stante illi l-hsarat reklamati ma rrizultawx minn "an insurable event". Isegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl- ispejjez kontra l-istess attur;

v. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-attur ghandu f'kull kaz igib l-ahjar prova dwar id-danni allegatament sofferti minnu, mertu ta' dawn il-proceduri.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Fis-16 ta' April 2012 is-socjeta' konvenuta kienet harget polza ta' assigurazjoni tat-tip *Home Protector (Buildings and Contents)* fuq il-propjeta' tal-attur.[2] L-attur xehed li f'Settembru tas-sena 2012 kienet sehhet tempesta li kkagunatlu diversi hsarat f'diversi oggetti li kienu nstallati fil-propjeta' tieghu. Spjega li huwa kien ressaq *claim* mas-socjeta' intimata, li da pati taghha kienet talbitu sabiex jipprovdiha b'rapport tekniku dwar dawn il-hsarat.

   ii. Ghal dan l-iskop, l-attur kien inkariga lil Kevin Fenech li wara li spezzjona l-apparat eletrroniku in kwistjoni kien ikkonkluda li dan l-apparat kien iddanneggat b'kawza ta' *high voltage surge* u li ghalhekk ma setghax jigi msewwi.[3] Fuq inkarigu tal-istess attur, Geoffrey Gauci, *technician* impjegat mad-ditta Alberta, kien ukoll spezzjona s-sistema tad-DVR u kien ikkonkluda li l-hsarat f'dan l-apparat setghet giet ikkawzata minn *high voltage surge* fil-*mains supply lines* jew alternattivament minn sajjetti.[4]

   iii. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta inkarigat lis-*surveyor* Simon Spiteri li acceda fuq il-post fid-19 ta' Settembru 2012 u wara li spezzjona l-apparat ikkonkluda li l-*alarm system* u l-*intercom* kienu soffrew hsarat attribwibbli lis-sajjetti, mentri fir-rigward tal-*ice cream maker, insect killer, satellite system, u d-DVR,* kien irrizultalu li kien hemm xi tbaghbis f'dan l-apparat u l-hsarat ma setghux ikunu attribwiti lis-sajjetti.[5] Fix-xhieda tiegu Spiteri spjega li meta kien haddem is-

[2] Ara Dok MBB1 a *fol*. 85 tal-process
[3] Ara r-rapport immarkat KC1 a *fol*. 18 u 44 tal-process
[4] Ara r-rapport immarkat KC2 a *fol*. 19, 42 u 43 tal-process
[5] Ara r-rapport ta' Simon Spiteri a *fol*. 24 tal-process

sistema tas-satellita kien irrizultalu li filwaqt li dan l-apparat kien diga gie miftuh, kien irrizultalu wkoll li dan kien jiffunzjona. Imbaghad fir-rigward tal-*ice cream maker* spjega li din kienet tahdem b'120 volt mentri s-sistema tal-elettriku ta' Malta hija dik ta' 240 volt. Qal li ghalhekk dan l-apparat kien jehtieg *transformer* li ma kienx ipprovdut mill-attur. In oltre, mill-ispezzjoni kien irrizultalu li l-hsara ma kinietx fil-parti elettronika izda f'dik mekkanika u b'hekk seta' jigi eskluz li l-hsara f'dan l-apparat giet ikkawzata minn *high voltage* jew sajjetti. Fir-rigward tas-sistema tad-DVR, Spiteri spjega li dan kien aktar antik minn dak li kien stqarr mieghu l-attur u li ghalkemm l-attur kien intalab sabiex jipprovdih bir-ricevuta tal-akkwist, l-attur kien naqas milli jaghmel dan. Finalment Spiteri spjega li fil-fond tal-attur kien hemm apparat iehor li kien sensittiv hafna u li ma kienx gie ddanneggat.[6]

iv. Max Borg Bonello, *Claims Manager* mas-socjeta' konvenuta, xehed li l-attur kien intavola *claim* mas-socjeta' konvenuta fit-12 ta' Settembru 2012. Spjega li l-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet ibbazata fuq ir-rapport tas-*surveyor* Simon Spiteri minnha inkarigat, u dan kif rifless fil-korrispondenza li kienet ghaddiet bejn il-partijiet qabel il-kawza. Xehed li s-socjeta' konvenuta kienet ukoll accettat dik il-parti tal-claim li kienet tirrigwarda t-tinda (*extendable canvas canopy*) izda fl-ammont ta' €811.80 u mhux €990, u dan peress li mill-ammont pretiz mill-attur kien gie mnaqqas il-VAT stante li l-attur ma kienx pproduca ricevuta fiskali.[7]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. B'din il-kawza l-attur qieghed ifittex il-hlas ta' diversi oggetti li kienu jinsabu fil-fond tieghu u li skond l-istess attur garrbu hsarat b'kawza ta' maltempata li sehhet f'Settembru tas-sena 2012 fiz-zmien meta dan il-fond kien kopert b'polza ta' assisgurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta laqghet ghal din it-talba b'numru ta' eccezzjonijiet. Il-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tinsab sorvolata stante li b'digriet datat 27 ta' April 2015 din il-Qorti laqghet it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' konvenuta.

[6] Ara x-xhieda ta' Simon Spiteri a *fol.* 65 tal-process
[7] Ara l-affidavit ta' Max Borg Bonello u d-dokumenti annessi mieghu a *fol.* 80 tal-process

7. Il-Qorti tosserva wkoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' konvenuta ressqet l-argument li t-talba tal-attur ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante li skond hi l-attur b'mod frawdolenti inkluda fil-*claim* tieghu oggetti li ma kienux iddanneggati bil-maltempata u li ghalhekk ghab-bazi tal-principju *fraus omnia corrumpit,* il-*claim* shiha tal-attur ghandha tigi michuda. Il-Qorti tqis li din is-sottomissjoni tammonta ghal eccezzjoni ulterjuri.

8. Fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs Raymond Azzopardi** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[8] irriteniet illi: "*Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583).*"

9. Fil-kaz odjern, mill-provi prodotti jirrizulta li fiz-zmien qabel ma' pprezentat l-eccezzjonijiet taghha f'din il-kawza, is-socjeta' konvenuta kellha fil-pussess taghha l-kwadru shih tal-fatti, u b'mod partikolari r-rapport tas-*surveyor* Simon Spiteri minnha inkarigat u li fuqu hija bbazata l-posizzjoni tal-istess socjeta' konvenuta. Minkejja dan, fir-rispota taghha s-socjeta' konvenuta ma ressqitx eccezzjoni formali f'dan is-sens, u lanqas b'xi mod ipprovat tiggustifika ghaliex din l-eccezzjoni ma gietx sollevata fir-risposta taghha ghar-rikors promotur, izda ghazlet li tissollevaha fin-nota ta' sottomissjonijiet. B'applikazzjoni tal-insenjament hawn fuq citat, din il-Qorti mhijiex ser tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

10. L-eccezzjonijiet l-ohra fir-risposta tas-socjeta' konvenuta huma indirizzati lejn il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet u ghalhekk ser jigu kkunsidrati flimkien. Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-parti l-kbira tal-hsarat li minnhom jilmenta l-attur ma gewx ikkawzati minn maltempata u li ghalhekk mhumiex koperti mill-polza ta' assigurazzjoni.

[8] *Per* Imhallef Philip Sciberras

11. Mill-atti processwali jirrizulta li l-posizzjoni rispettivi tal-partijiet huma bbazati fuq rapporti ta' teknici *ex parte* li spezzjonaw l-oggetti li jiffurmaw il-*claim* tal-attur. Simon Spiteri, s-*surveyor* inkarigat mis-socjeta' konvenuta, ikkonkluda li l-hsara relatata mas-sistema tal-intercom, mas-sistema tal-alarm u mat-tinda (*extendable canvas canopy*) kienu kompatibbli ma' hsara li setghet kienet ikkagunata mill-maltemp. Kien ghalhekk li s-socjeta' konvenuta, anke fiz-zmien qabel ma giet intavolata din il-kawza, kienet disposta illi thallas lill-attur ghall-hsarat subiti f'dawn l-oggetti.

12. Id-divergenza principali bejn il-partijiet tirrigwarda l-oggetti l-ohra li jiffurmaw parti mill-*claim* tal-attur. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li fuq is-soliti kriterji tal-bilanc tal-probabilitajiet u tal-proponderanza tal-provi, ir-rapport tas-*surveyor* Simon Spiteri u anke x-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti huma ferm aktar attendibbli mir-rapporti tat-teknici inkarigati mill-attur, u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok jirrizulta li Simon Spiteri acceda fil-fond tal-attur sebat ijiem biss wara li l-attur fetah il-*claim* mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk seta' jara l-oggetti nstallati fil-fond tal-attur. Minn naha l-ohra, it-teknici nkarigati mill-attur dan ma ghamluhx u qaghdu biss fuq informazzjoni li ghaddielhom l-attur.

13. Fit-tieni lok, ir-ritratti li jifformaw parti mir-rapport tas-*surveyor* Simon Spiteri abbinati man-numru tal-mudell u mas-*serial number* tal-oggett spezzjonat indikati fir-rapport tieghu, jikkonfermaw li l-oggetti li ghalihom jirreferi r-rapport huma dawk li effettivament kienu jinsabu nstallati fil-fond tal-attur. Tali informazzjoni hija ghal kollox mankanti fir-rapport tat-*technician* Kevin Fenech inkarigat mill-attur. Fir-rigward tat-*technician* Geffrey Gauci li l-involviment tieghu kien limitat ghall-ezami tad-DVR recorder, ghalkemm jirrizulta li l-mudell tal-apparat huwa l-istess bhal dak indikat fir-rapport ta' Simon Spiteri, madankollu ma hemmx indikat is-*serial number* u b'hekk ma hemmx il-konferma li l-apparat minnu spezzjonat huwa dak li kien installat fil-fond tal-attur.

14. Fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-ezami mwettaq mis-*surveyor* Simon Spiteri fuq l-oggetti l-ohra kien ferm aktar profond minn dak imwettaq mit-*technician* Kevin Fenech. Fir-rapport tieghu, u anke fix-xhieda minnu moghtija quddiem din il-Qorti, Spiteri spjega dak minnu riskontrat b'mod dettaljat. Fejn irrizulta li kien hemm hsarat, huwa spjega

f'hiex din kienet tikkonsisti. F'dan is-sens, fir-rigward tal-*ice cream machine*, Spiteri spjega li l-hsara f'dan l-apparat ma kenitx wahda elettronika izda mekkanika li ma setghetx tigi kkawzata mill-maltempata kif jippretendi l-attur. Spjega wkoll li ghalkemm dan l-apparat kien jahdem b'120 volt ma kienx provdut bi *transformer* sabiex jigi konformi mas-sistema tal-elettriku ta' Malta li hija dik ta' 240 volt. Fir-rigward imbaghad tal-*insect killer* Spiteri spjega li dan fil-fatt kellu *wires* maqtughin u b'hekk kien irrizultalu li kien gie mbaghbas. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-DVR recorder, Spiteri spjega li dan kien jiffunzjona u li l-hsarat fih kienu limitati ghall-*cooler fan* u l-*eject mechanism* tas-*CD drive*, li ma jistghux ikunu attribwiti lill-maltempata li skond l-attur ikkawzat il-hsara f'dan l-apparat.

15. Finalment il-Qorti tqis li l-fatt li fil-fond tal-attur kien hemm apparat elettroniku iehor li ma gratlux hsara huwa indikattiv tal-fatt li l-hsara ma kenitx estensiva daqs kemm jikkontendi l-attur.

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talba tal-attur ser tigi milqugha limitatament fir-rigward tal-hsara relatata mas-sistema tal-intercom, mas-sistema tal-alarm u mat-tinda (*extendable canvas canopy*). L-attur esebixxa stimi ghal dawn l-oggetti fl-ammont ta' €191.16, €334.74 u €990 rispettivament ghal total ta' €1,515.90.[9]

17. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta targumenta li bhala prova tad-dannu l-attur ipproduca biss stima u mhux ricevuta fiskali, u li peress li ma hemmx ic-certezza li l-attur ser jixtri dawn l-oggetti, minn dawn l-stimi ghandha tigi mnaqqsa t-taxxa fuq il-valur mizjud. Is-socjeta' konvenuta targumenta li l-ammont ekwivalenti ghat-taxxa jigi dovut biss jekk u meta jigu pprezentati r-ricevuti relattivi u li jekk l-attur jaghzel li ma jakkwistax dawn l-oggetti jew jakkwisthom bi prezz aktar baxx dan jammonta ghal arrikkiment indebitu.

18. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li huwa principju stabbilit fil-kamp tar-rizarciment tad-danni li d-danneggjat ghandu safejn possibbli jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel ma sehh id-dannu. Fis-sentenza fl-ismijiet **Safety & Security Management**

[9] Ara l-istimi a *fol.* 34 sa 36 tal-process

**Limited vs Emmanuel Spiteri** moghtija fit-12 ta' Marzu 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[10] irriteniet illi:

*"Huwa principju guridiku notorju f'tema ta' kompensazzjoni ghad-danni illi min isofri hsara ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagunata l-hsara ("Emmanuele Galea proprio et nomine -vs- Paolo Gatt et", Appell Civili, 24 ta' Novembru, 1958 u "John Tufigno -vs-Joseph Micallef nomine", Appell Kummercjali, 23 ta' April, 1965). Konsegwentement, "min hu responsabbli ghad-dannu ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu" ("Carmelo Bugeja - vs- Lorenzo Cassar", Appell Civili, 1 ta' April, 1966 u "Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969).*

*Jinzel minn dawn l-insenjamenti tal-Qrati taghna s-segwenti kriterji bazilari u, cjoe, li:-*

*i. min isofri l-hsara ghandu kemm jista' jkun jigi rizarcit ghat-telf pekunjarju u patrimonjali tieghu;*
*ii. basta pero`, li d-danni subiti jkunu f'rapport immedjat u prossimu ma' l-event illecitu;"*

19. Applikat dan l-insenjament ghal kaz odjern, il-Qorti tqis li ma huwiex mehtieg li jintwera li s-somma mitluba mid-danneggjat effettivament giet imhallas minnu, izda biss li r-rizarciment huwa fl-ammont necessarju sabiex huwa jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel giet ikkagunata l-hsara. Fil-kaz odjern, sabiex l-attur ikun jista' jitqieghed f'din il-posizzjoni, ir-rizarciment ghandu jkun ekwivalenti ghall-valur tal-oggett danneggjat jew ghall-valur tat-tiswija tieghu, liema valur ghandu jinkludi kwalunkwe taxxa li tista' tkun dovuta skond il-ligi. B'hekk biss jista' d-danneggjat jitqieghed f'posizzjoni li jista' jakkwista dak l-oggett mill-gdid jew li jwettaq it-tiswijiet necessarji minghajr ma jinkorri fi spejjez ulterjuri. Huwa evidenti illi f'kaz li jaghzel li ma jakkwistax dak l-oggett, id-danneggjat ma jkun qieghed iwettaq ebda arrikkiment u dan ghar-raguni li f'dik l-eventwalita' l-patrimonju tieghu ma jkunx qieghed jizdied izda sempliciment jiehu forma ohra.

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras

20. Ghal fini ta' kompletezza l-Qorti ser tikkunsidra wkoll l-kwisjoni imqajjma fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar mill-liema data ghandu jiddekkorri l-imghax. Il-Qorti tirrileva li l-principju generali hu li l-imghax jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat, u dan ghab-bażi tal-principju li *in illiquidis non fit mora*. Meta bhal ma gara f'dan il-kaz, l-ammont likwidat mill-Qorti jkun sostanzjalment inqas mill-ammont mitlub, allura l-imghax m'ghandux jibda jiddekkorri mid-data tas-sejha ghal hlas izda minn meta l-ammont jigi determinat gudizzjarjament.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta' konvenuta stante li din giet sorvolata;

3. Tichad it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta' konvenuta;

4. Tilqa' limitatament ir-raba eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u konsegwentement tilqa' limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija u hmistax-il Euro u disghin centezmu (€1,515.90), bl-imghax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

22. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**